MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2010

Numru. 1227/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ROBERT VELLA**
**KONTRA**

**PHILIP BUHAGIAR**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Philip Buhagiar, bin Paul u Nazzarena nee’ Sammut, mwieled Pieta’ nhar il- 15 ta’ Dicembru 1976, residenti 25, Triq Ferris, Rabat u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin-numru 67877M;

Li gie imressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar it- 2 ta' Lulju 2009, ghall- habta tad- 9.30pm gewwa Triq Misrah San Duminku, Rabat;

1) Ingurja u/ jew hedded bi kliem lil Helen Vella, Ganni Vella u lil Vanessa Buhagiar jew jekk kien ipprovokat, ingurja b' mod li hareg barra mil- limiti tal-provokazzjoni;

2) Volontarjament kiser il- bon ordni jew il-kwiet tal- pubbliku;

3) Kif ukoll ghamel hsara volontarja li tammonta €270 ghad- dannu ta' Ganni Vella;

4) U aktar talli hebb u kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il- persuni ta' Helen Vella, Ganni Vella u Vanessa Buhagiar hekk kif iccertifikat minn Dr. Owen Camilleri Med Reg. no.2953 ta' Mosta Health Centre;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-mertu ta' din il-kawza tittratta kwistjoni bejn l-imputat u l-mara tieghu, Vanessa Buhagiar, li f'dak iz-zmien kienu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni miz-zwieg. Nhar it-2 ta' Lulju, 2009, l-imputat kien qieghed fit-triq fejn joqghodu l-genituri ta' Vanessa, Gianni u Helen konjugi Vella, sabiex jistenna lil Vanessa u jghaddilha xi karti rigward l-ispejjez tad-dar matrimonjali. Hekk kif hu kien qieghed hemm, lemah lil Vanessa titkellem ma' ragel iehor, hassu urtat u ghamel xenata fit-triq. Fl-istess waqt,

hu qabad ihabbat fuq il-bieb tad-dar tal-konjugi Vella, u tant habbat bis-sahha u allegatament b'gebla mdaqqsa, li kkawza hsarat fl-istess bieb. B'dan l-agir tieghu, l-imputat werwer lil Vanessa u lill-genituri taghha. Ghalhekk sar rapport lill-Pulizija u ttiehdu dawn il-proceduri kontra Philip Buhagiar.

Mil-provi prodotti, dawn l-imputazzjonijiet kollha rrisultaw ippruvati lil' hinn mid-dubju dettat mir-raguni, u ghalhekk il-kawza giet ippruvata soddisfacentement ghal din il-Qorti. L-unika difiza li pprova jqajjem l-imputat kienet dik maghrufa bhala "first transport of sudden passion" meta lemah lill-mara tieghu titkellem ma' ragel iehor, aktarx is-sieheb taghha, u qabad jaghmel storbju shih fit-triq. Hu pprova wkoll jimminimizza l-incident kollu w jipprova jnaqqas il-veracita' tac-certifikati medici li ndikaw griehi hfief sofferti mil-parti leza. Bid-dovut rispett lejn l-imputat, l-ebda skuza jew gustifikazzjoni ma tista' qatt tinghata ghal agir vjolenti li jnissel biza' f' terzi, liema agir seta' wassal ghal incident hafna aktar serju minn dak ittrattat f'din il-kawza. Ghalhekk, l-imputazzjonijiet ta' ingurji u theddid, ta' ksur ta' buon ordni, ta' hsara volontarja, u ta' offizi hfief, kollha gew ippruvati. Anzi, il-Prosekuzzjoni setghet facilment ziedet l-imputazzjoni ta' biza' li tintuza vjolenza, izda din ma inghatatx.

Kwantu ghall-finijiet ta' piena, il-Qorti ma tistax tiehu dawn l-incidenti b'mod legger. Mil-fedina penali tal-imputat, irrisultaw biss tlitt kundanni rigward l-ezercizzju ta' negozju minghajr licenzja kompetenti, u ghalhekk f' dan ir-reat jista' jitqies bhala "first time offender". Madankollu, dan ir-reat jimmerita piena ta' prigunerija, ghalkemm din m'hix ser tinghata b'mod effettiv immedjat, izda ser tinzamm sospiza ghal terminu skond il-ligi. B'din is-sentenza l-Qorti trid izzomm lill-imputat milli jwettaq reat iehor simili, u fl-istess waqt taghtih opportunita' jikkonsidra l-agir tieghu u l-konsegwenzi li dan jista' jwasslu. Inoltre, ghall-protezzjoni tal-parti leza, il-Qorti sejra tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni favurihom, kif ukoll sejra tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez tat-tiswija tal-bieb ta' barra tal-konjugi Vella bhala parti mis-sentenza sospiza.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 339(1)(e), 338(dd), 340(d), 325(1)(b), 221(1) u 383(1) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkudnannah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin.
Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta’ mitejn u sebghin ewro (€270) lil Gianni u Helen konjugi Vella fi zmien xaharejn, ai terminu tal- Artikolu 28H tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.
Tordna l-hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni ai termini tal- Artikolu 412C tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta ghal tlett (3) snin favur l-istess Gianni u Helen konjugi Vella, u favur Vanessa Buhagiar.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------